MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 26

19 ta' Mejju 2026

Il-Kunsilli Lokali Ħ'Attard iltaqa' fis-Sala tal-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, li jinsab fi Ġnien Ħal Warda, Triq Ħal Warda, Ħ'Attard, fis-6.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
John P. Bonnici – Kunsillier
Paul Ciantar – Kunsillier
Ralph Cassar– Kunsillier
Martin Musumeci– Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Nicole Portelli - Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Marica Mifsud Mintoff - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.35pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti kienu preżenti fil-ħin bl-eċċezzjoni tas-Sinjorina Nicole Portelli u s-Sur Remigio Bartolo li kien se jittardja ftit.

## 26.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

26.1.1 Is-Sur Cordina qal li rċieva messaġġ li s-Sinjorina Portelli kienet tinsab indisposta u sabiex tintalab

## 26.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

26.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa Nru. 25 ġew approvati.

## 26.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

26.3.1 *Reġjun Tramuntana – Ġbir ta' Skart*

Is-Sur Cordina qal li kellu laqgħa tar-Reġjun Tramuntana u ġiet diskussa l-problema tal-ġbir ta' skart u li għadha ma tteħditx azzjoni mid-Dipartiment għax m'hemmx *Plan B*. Hu kompla jgħid li d-Dipartiment qed jibża li jekk tittieħed azzjoni kontra l-kuntrattur dan jista' jħallihom bla ġbir ta' skart. Sar ħafna *sub-contracting* min-naħa tal-kuntrattur għaldaqstant ħafna mid-drabi dan qed jispiċċa jew bla ħaddiema jew bla trakkijiet. Hu għalhekk li l-ħinijiet hu irregolari u ġieli jibdew kmieni wisq u jitħalla ħafna skart 'l hemm u 'l hawn.

Dr. Musumeci qal li din hi sitwazzjoni assurda. Dr. Cassar qal li meta t-tender jippermetti *sub-contracting* ir-riżultat hu dak li hu. Anki l-fatt, kompla s-Sindku li tħallew jintużaw trakkijiet Euro 3, bla GPS bla cameras. Il-kuntrattur ammetta li hemm xi ħaġa ħażina, u biex jingħad kollox hu jiġi jirrimedja nuqqasijiet tal-ħaddiema meta jitħalla x-xogħol warajhom, imma għallinqas dak li qed jintalab mill-Kunsill hu li jkun livell bħal ta qabel.

Is-Sur Paul Ciantar saqsa kemm hu twil il-perjodu ta' kuntratt u meta wasal biex jiskadi?

Is-Sur Cordina qal li l-kuntratt li preżentement jiswa' lir-Reġjun €200,000 bejn id-9 Kunsilli, wasal biex jiskadi għax ħa jagħlaq ħames snin, imma jista' jiġi mġedded għall-ħames snin oħra bl-istess kundizzjonijiet tat-tender preżenti.

Dr. Musumeci saqsa jekk dan il-kuntratt hekk imsejjaħ 'imnellaħ' jistax jitranġa? Kompla jgħid li din trid tiġi minn fuq jekk għandek *default* f'kuntratt. Dr. Cassar qal li wisq probabbli d-Dipartiment qed jibża li m'hemmx investiment biżżejjed u din hi r-raġuni ta' meta tenders jintgħażlu bil-prezz u mhux il-kwalità.

Is-Sur Cordina qal li problema oħra li l-kuntrattur mhux isib ħaddiema. Hemm bosta fatturi oħra bħal *wear and tear* u iktar. Hu qal li jispera biss li meta jiġġedded il-kuntratt jingħata servizz aħjar.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ikbar suġġeriment li kien għadda l-Kunsill kien li l-ħġieġ għandu jinġabar mar-riċiklaġġ imma xorta ġie injorat.

Is-Sindku qal li ħa jżomm il-Kunsill aġġornat.

26.3.2 *L-EBDA DĦUL GĦAT-TRAKKIJIET GOFFI*

Is-Sur Cordina qal li kif forsi nnutaw jew raw, id-dawra tar-raħal imdawwra b'tabelli fejn ma jistgħux jidħlu trakkijiet goffi. Peress li ntlaqtu żewġ gallariji fi Triq San Duminku Triq il-Mitħna din il-ġimgħa hu issuġġerixxa li dawn it-tabelli jsiru, *except to render a Service such as for the gas truck and for deliveries and school transport.*

Kompla jgħid li kull persuna li jkollha xi *delivery* trid tagħmel permess għad-dħul. Dr. Musumeci qal li meta kien joqgħod fil-qalba tar-raħal kellu każ fejn ġie mitlub iċaqlaq karozza tat-tifla li kienet ipparkjata tajba. Xogħolijiet bl-addoċċ, bla permess u ma hemm infurzar ta' xejn.

17:56 Margaret Psaila at Local Government daħlet onlajn.

Kulħadd qabel.

## 26.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

26.4.1 John Bonnici

- Talab li teħel tabella li jindika fejn hu l-Kunsill. Is-Sur Cordina qal li kif joħroġ il-*compliance* din tkun tista' teħel u ġa nġab xi ħadd biex jara l-post u jieħu xi kejl.

26.4.2 Ralph Cassar

- Saqsa fuq il-proċess ta' devoluzzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-applikazzjoni mitfugħa u qed tiġi ċċekkjata mill-Awtorità tal-artijiet.
- Saqsa fuq is-sitwazzjoni tal-Bar u Restorant biex jara kif baqgħu. Is-Sur Cordina qal li hu u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mas-sid, ġimgħatejn ilu u dan reġa' ġie mwiddeb. Dr. Cassar qal li għalhekk saqsa fuq id-devoluzzjoni biex il-Kunsill ikollu iktar saħħa.
- Saqsa wkoll fuq kumpanija tal-ġarr tal-għamara li qed tħalli t-trakkijiet barra fi Triq Dun Gwann Theuma ma' Triq Dun Alwiġ Galea. Is-Sur Cordina qal li ilhom isiru rapport mill-2021. Qal li kull meta jkollu laqgħa mal-Pulizija dejjem tissemma' din li vetturi ta' ċertu kobor ma jistgħux jitħallew barra.

Dr. Musumeci qal li hu u kien dieħel il-Kunsill ukoll innota waħda mimduda fuq l-injam u li għandu jkun hemm ċertu dekor, deċenza għal min dieħel ġo ufficċju tal-Kunsill.

## 26.5 Rapporti

26.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 26.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 26.6.1 *Ġemellaġġ*

Is-Sur Cordina qal li se jħalli f'idejn is-Sur Bartolo.

Is-Sur Bartolo saqsa kif baqgħu mal-Kap tal-iskola fuq għall-*video conferencing* fis-6.30 ta' filgħaxija, ma delegazzjoni minn Brembana. Is-Sur Cordina qal li se jerġa' jitkellem magħha u jinforma lill-Kunsill minħabba li din se titlaq u aktarx mhux se tkun għadha hemm.

### 26.6.2 *Riżoluzzjoni*

*Is-Sur Cordina ippropona u s-Sur Pawlu Ciantar issekonda din ir-Riżoluzzjoni:*

*KUNSILL LOKALI*
**Ħ'ATTARD**

13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard
Tel: (+356) 21411111/21433979
Fax: (+356) 21411414
E-mail: attard.lc@gov.mt
http://www.attard.gov.mt

19 ta' Mejju 2026

**RIŻOLUZZJONI 9**

Permezz ta' din ir-riżoluzzjoni il-Kunsill Lokali Ħ'Attard qed japprova li japplika għal fondi sabiex tiġi organizzata attivita' tal-Milied permezz tal-iskema SPI/SCI/03/2026 Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2026.

Din l-iskema ser tkopri sa massimu ta' €15,000. Il-Kunsill Lokali ser ikun qed iħallas id-differenza tal-ispiża.

L-iskema ħa tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża għall-attività filwaqt li l-Kunsill Lokali ser ikun qed jagħti l-kontribut tiegħu ta' 15%.

Proponent

Sekondant

## 26.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

26.7.1 L-iskeda ta' pagamenti ġiet iċċekkjat minn Dr. Caruana. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-aħħar skeda kellhom miktub Antes flok Atlas u kien hemm pagament tal-LESA li kien 349 flok 3.49 li kien *Admin fee* tal-Lesa. Hi qalet li kkoreġiethom bil-biro u jekk iridu jarawhom iġibhom minn ġewwa.

Dr. Cassar saqsa fuq Item 21 video on demand, Infinite Fusion Technology. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dak hu kont ta' xi 7 snin tal-*vidjows* li bilfors iridu jtellgħu onlajn u li m'hemmx portall għalihom fuq il-websajt tad-DLG. Dr. Caruana qalet ukoll li l-Kunsill għandu *streaming agreement* item 35 li għandu x'jaqsam mal-istess. Fl-aħħar saqsiet fuq Callus Garden Centre li hu mmarkat by DA mhux T bi żball.

Is-Sindku saqsa min jipproponi u min se jissekonda.

Proponent: Dr. Helen Caruana Sekondant: Sur Alex Mangion

L-iskedi ġew approvati.

Dr. Cassar saqsa fuq l-ewwel rapport tal-kwart tas-sena. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li peress li għadhom qed jiddiskutu iċ-*Chart of Accounts* jista' jkun li dawn ikunu ftit tard din is-sena, imma li d-Dipartiment jinsab infurmat b'dan.

## 26.8 Mozzjonijiet; u

26.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 26.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

26.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.11pm u ġiet aġġornata għad-17 ta' Ġunju 2026 fil-5.30pm

Konfermati illum, 23 ta' Ġunju 2026.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud Mintoff |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |